KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SEBA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 3

It-tielet laqgħa tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema inżammet il-Ħamis 3 ta' Mejju 2012 fis-6.15pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Silvio Zammit | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Vivienne Mary Galea Pace | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier (wasal fis-6 :38pm) |
| | Kristian Busietta | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Pierre Paul Portelli | Kunsillier |
| | Mary Camilleri | Kunsillier |
| | Nicolai Gauci | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |

| | | |
|---|---|---|
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Paul Gatt | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |
| | Christian Vella | Accountant (preżenti bejn 18:42 u 19:35) |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu meqjusa moqrija.

1.2 Il-Viċi Sindku rrefera għall-punt 10.2 mill-minuti tal-aħħar seduta dwar il-każ ta' Stephen Buhagiar fejn semma li l-Kunsill kien qabel li kellu jonora d-deċiżjoni tal-Arbitraġġ. Huwa ippropona għalhekk li ssir emenda f'dan is-sens li kienet issekondata mill-Kunsillier Galea Pace. Wara diskussjoni però kien hemm qbil li l-emenda ma ssirx. *Mozzjoni għal emenda fil-minuti.*

1.3 Wara konsiderazzjoni s-Sindku ippropona u l-Viċi Sindku issekonda li l-minuti jiġu approvati. Il-Kunsill approva l-minuti *nem con* u għalhekk kienu ffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv (aSE). *Approvazzjoni tal-minuti.*

1.4 Is-Sindku rrimarka li eventwalment il-Kunsillieri se jibda jkollhom rapport mill-minuti ta' x'azzjonijiet ikunu ttieħdu. *Rapport ta' azzjonijiet meħuda.*

1.5 F'dan il-ħin is-Sindku talab sospenzjoni tal-aġenda minħabba li kien hemm residenti preżenti li xtaqu li l-Kunsill jiddiskuti t-talba għal tpoġġija ta' *tower crane* fi Triq il-Kbira. Kien hemm qbil unanimu li tkun sospiża l-aġenda. *Sospensjoni – Tower Crane f'High Street.*

## 2. APPLIKAZZJONI GĦALL-PERMESS GĦAL TPOĠĠIJA TA' *TOWER CRANE* FI TRIQ IL-KBIRA

2.1 Is-Sindku informa lill-Kunsillieri preżenti li, wara li kellu diversu ilmenti mir-residenti minħabba *tower crane* li hemm il-ħsieb li jitpoġġa fi Triq il-Kbira, iltaqa' magħhom biex jaraw isibux l-aħjar soluzzjonijiet għar-residenti. *Laqgħa mar-residenti.*

2.2 Ir-residenti ssuġġerew li dan jitpoġġa ġo *Gaiety Lane*. Is-Sindku informa li kellu jiltaqa' mal-Perit tal-Kunsill David Vassallo fejn dan kien indispost u bagħat lil xi ħadd ieħor li iżda ma rnexxilhomx jiltaqgħu. Sadanittant it-Tnejn filgħodu iltaqgħu u telgħu fuq il-bejt mas-Sur Forte biex jaraw is-sitwazzjoni minn hemm. Mandankollu l-Perit għadu ma preżentax ir-rapport. Il-Kunsill se jipprova jsib kompromess kemm mar-residenti kif ukoll mal-kuntrattur u se jibqa' jsegwi dan il-każ.

2.3 *Il-Kunsillier Pierre Portelli ġie skużat mis-seduta fis-18.32.*

2.4 Ir-residenti talbu li m'għandux jinħareġ il-permess qabel ma jsir ir-rapport.

2.5 *Il-Kunsillier Pierre Portelli daħal lura għas-seduta fis-18.36.*

2.6 Il-Kunsill assigura s-sapport sħiħ lir-residenti. Is-Sindku saħaq li l-iżviluppaturi ma jistgħux jitwaqqfu milli jaħdmu iżda dan irid isir skont ir-regolamenti u b'rispett lejn ir-residenti. *Regolamenti rispettati.*

2.7 F'dan il-ħin issemmiet it-tabella li kien hemm qabel li tindika li ħadd ma jista' jidħol fit-triq jekk mhux biex jagħti servizz. Persuna mill-pubbliku rrimarka li t-tabella għandha tkun tindika wkoll li jistgħu jidħlu biex jirċievu servizz u mhux biex jagħtu servizz biss. *Tabella 'No Entry except for residents'.*

2.8 *Daħal il-Kunsillier Paul Radmilli għas-seduta fis-18.38.*

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku feraħ lill-Kunsillier John Pillow li kien qiegħed jattendi għall-ewwel darba bħala Kunsillier ġdid wara l-elezzjoni każwali li kienet saret aktar kmieni. *Awguri lil John Pillow.*

3.2 Is-Sindku ta rendikont tal-laqgħa li kienu qed isiru mal-iżviluppaturi dwar il-permessi tal-krejnijiet li għalihom kienu qed ikunu preżenti miegħu l-Kunsillieri Busietta u Radmilli flimkien mal-uffiċjal tal-Kunsill Althea Borg. Huwa kompla li lill-iżviluppaturi qed iwaslulhom il-messaġġ li l-Kunsill *Laqgħat mal-iżviluppaturi.*

mhux se jkun qiegħed jittollera abbuż jew ksur tal-kundizzjonijiet.

3.3 *F'dan il-ħin is-Sindku talab sospensjoni oħra sabiex l-Accountant tal-Kunsill ikun jista jagħti rendikont lill-Kunsilliera preżenti dwar is-sitwazzjoni finanzjarja. Il-ħin kien is-18:42.*

*Sospensjoni – laqgħa mal-Accountant.*

3.4 L-*Accountant* għamel l-introduzzjoni tiegħu u informa li l-Kunsill qatt ma kellu problemi ta' *deficit.* Xtaq jagħmel apoloġija wkoll għaliex ma setax ikun preżenti għall-aħħar laqgħa biex jispjega l-*financial statements* minħabba raġuni ta' safar. Informa lill-membri preżenti li għadu kif sar l-*audit* u l-kummenti kienu pożittivi bi ftit punti li wieħed jista jimxi aħjar.

3.5 l-*Accountant* ġibed l-attenzjoni li ma jistax ikun hemm aktar dħul li normalment il-Kunsill kien ikollu mill-Kumitat Konġunat tal-Infurzar Lokali minħabba l-fatt li issa l-infurzar lokali waqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kumitati Reġjonali. Fuq dan il-punt il-Kunsillier Busietta ġibed l-attenzjoni li ċ-ċifra ta' €153,723 li qiegħed jidher bħala dħul mil-*financial statements* se jonqos.

*Dħul mill-infurzar lokali.*

3.6 L-a/SE ġibed l-attenzjoni li l-uniku dħul li qiegħed ikun hemm fil-preżent huwa l-10% tal-ammont ta' ċitazzjonijiet li jitħallsu fil-Kunsill. Barra minn hekk għad fadal xi ammonti ta' ċitazzjonijiet li jkunu ħarġu qabel Settembru 2011 u li dawn jibqgħu dovuti lill-Kunsill. Huwa kompla wkoll li l-Kunsill huwa rappreżentat fil-Kumitat Reġjonali permezz tas-Sindku.

*Dħul mill-ħlas taċ-ċitazzjonijiet.*

3.7 Is-Sindku rrimarka li l-Kunsill għandu jipprova insisti biex il-flus ta' CPS li kienu intitolati għal Tas-Sliema għandhom jintefqu fi proġetti f'Tas-Sliema li jtaffu l-problemi ta' parkeġġ. Il-Kunsilliera Vivianne Galea Pace qalet li huwa importanti li anke jekk jintefqu minn ħaddieħor għal Tas-Sliema xorta għandu jsir bil-kunsens tal-Kunsill.

*Community Parking Scheme tal-MEPA.*

3.8 Il-Kunsillier Nicoloi Gauci ssuġġerixxa li d-djar abbandunati f'Tas-Sliema għandhom jitwaqqgħu u jinbnew *carparks*.

*Car parks flok djar abbandunati.*

3.9 Is-Sindku informa li riċentament sar jaf li l-Kunsill preċedenti kien talab għal *expression of interest* għal skema ta' parkeġġ. Dawn infetħu minn tliet membri tal-Kunsill.

*Expression of interest – parkeġġ.*

3.10 L-A*ccountant* issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jkollu proġetti ppjanati ħalli l-Kunsill ikun jista jieħu l-opportunitajiet għall-fondi meta dawn l-opportunitajiet jiżviluppaw.

*Bżonn ta' proġetti ippjanati bil-quddiem.*

3.11 Dwar il-*Public Private Partnership (*PPP) l-*Accountant* spjega li l-Kunsill preċedenti ma laħaqx beda x-xogħol. Min-naħa l-oħra l-Kunsill għandu jara jaqbillux għaliex minn esperjenzi ta' Kunsilli oħra meta nqalgħet triq ġiet tiswa ħafna aktar milli mistenni għaliex wieħed irid jara jekk triq għandiex bżonn li tinqala' kollha minħabba s-servizzi u jrid jara hemmx bżonn li jsiru konnessjonijiet u mejnijiet tal-ilma ġodda.

*PPP – Toroq.*

3.12 *L-Accountant* ġibed l-attenzjoni li, għalkemm fuq il-karti jidher li hemm ammont ta' flus f'bilanċi, hemm problemi b'uħud mill-kontijiet li jista' jkun li jkollhom jitħallsu. Fuq dan il-punt issemma l-proġett tal-*fairy lights* li kien sar mill-Kunsill preċedenti fejn għal dan il-każ kien ġie involut id-

*Kwistjoni tal-kuntratt tal-Fairy Lights.*

Dipartiment tal-Gvern Lokali. Minħabba li hemm kwistjoni sħiħa ġie ssuġġeriet li l-Kunsillier K. Busietta għandu jiltaqa' mal-*Accountant* tal-Kunsill ħalli l-Kunsill jara xi tħallas, it-*tender* u l-minuti dwar dan il-każ. Sadanittant il-Kunsill għandu jitlob aġġornament mid-Dipartiment tal-Gvern dwar dan il-każ.

3.13 l-*Accountant* spjega wkoll dwar ix-xogħol li kien sar fi Qui si Sana u l-ftehim li kien sar mill-GAP u Polidano Bros. Il-Kunsill preċedenti ma kienx qabel li għandu jiffirma dan il-ftehim. Ġie ssuġġeriet li jsir pjan għal din is-sena u jkun indikat x'għad fadal minn dawn il-fondi. *Xogħol fi Triq Qui Si Sana.*

3.14 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni wkoll li Polidano Bros mhumiex iħallsu għal *scaffolding* li hemm fi Triq il-Katidral kif ukoll fi Triq it-Torri (ex Adelaide). Il-Kunsill għandu jistaqsi l-perit għar-rapporti minħabba periklu. *Scaffoldings bla permess.*

3.15 Il-Kunsillier K. Busietta ġibed l-attenzjoni li l-ammont li jikkonċerna lil Stephen Buhagiar għandu jitniżżel bħala kontinġenza.

3.16 Kien hemm qbil li l-laqgħa dwar il-*fairy lights* issir nhar il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012 fis-1pm. *Kwistjoni tal-kuntratt tal-Fairy Lights.*

3.17 F'dan il-ħin l-*Accountant* Christian Vella kien skużat mil-laqgħa. Il-ħin kien is-19:35.

## 4. JUM TAS-SLIEMA

4.1 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jifforma *sottokumitat* sabiex ikun jista' jsir rapport u jiġi diskuss il-programm f'laqgħa tal-Kunsill. Kien hemm qbil li kulħadd għandu jinvolvi ruħu f'sottokumitat u jkunu msejħa nies oħra li jistgħu jgħinu lil Tas-Sliema. Is-sottokumitat għandu jitmexxa mill-Kunsillier Portelli *Sottokumitat Jum Tas-Sliema.*

## 5. KAMPANJA *LETS GET SMART, TAS-SLIEMA BLA SKART*

5.1 Il-Kunsillier K. Busietta informa lil kulħadd li nhar is-Sibt 5 ta' Mejju 2012 se tiġi varata l-kampanja *Lets Get Smart, Tas-Sliema Bla Skart.* Din se ssir fi Ġnien l-Indipendenza permezz ta' konferenza stampa wara li jittieħed ir-ritratt tal-grupp. *Konferenza stampa – varar tal-kampanja.*

5.2 *Il-poster* kien ippreżentat mill-Kunsillier P. Portelli waqt is-seduta u ġie approvat mill-Kunsillieri b'mod unanimu. *Poster.*

5.3 Dwar it-toroq li se jitnaqqfu fit-12 ta' Mejju huma: Pjazza Sant'Anna, Triq it-Torri ma' Sqaq Gużi Fava, Triq il-Kbira, Triq Għar il-Lenbi, Triq il-Katidral, Pjazza Annunzjata, Triq Stella Maris, Triq San Pawl, Triq San Pietru u Triq San Publiju. Il-Kunsill se jibgħat ittra lir-residenti konċernati fejn se jitlob għal koperazzjoni u, għat-toroq ta' Għar il-Lembi, Katridral u Pjazza Annunzjata se jkun qiegħed jitlob ukoll li jitneħħew l-vetturi. Għal dan il-Kunsill għandu jipprovdi gwardjani biex jikkontrallaw it-traffiku. *Toroq fejn se jsir it-tindif.*

5.4 *Il-Kunsillier Nicolai Gauci ġie skużat li jitlaq mis-seduta fis-19.44pm*

| | | |
|---|---|---|
| 5.5 | Il-Kunsill ġie infurmat li d-Dipartiment tas-Servizzi tal-Indafa se jipprovdi 20 reċipjent (*litter bins*) u l-Kunsill irid jiddeċiedi fejn jistgħu jitpoġġew. Il-Kunsilliera M. Aquilina appellat biex ma jitpoġġewx quddiem residenti. Id-Dipartiment għandu jipprovdi wkoll għodda biex isir it-tindif flimkien ma' apparat biex jitneħħa ċ-*chewing gum* minn fuq il-bankini, *power-washer* u magna tal-knis. Barra minn hekk il-Kunsill kiseb ukoll l-għajnuna ta' Green MT peress li se joffru *T Shirts* u anki se jkun hemm *Eco-Councillors* li jduru bieb bieb iqassmu l-boroż il-griżi. | *Għajnuna minn CSD u Green MT.* |
| 5.6 | Kien hemm qbil ukoll li wara t-tindif ta' kull triq għandhom jerġgħu jiġu rrifriskati l-parkeġġi kif ukoll jekk ikun hemm bżonn xi traqqiegħ ta' ħofor żgħar biex kull triq tkun kompluta minn kollox. | *Manutenzjoni fit-toroq li se jitnaddfu.* |
| 5.7 | Il-Kunsilliera Pierre Portelli, Paul Radmilli u Kristian Busietta se jieħdu ħsieb jippreparaw l-istqarrija għall-ġurnalisti. | *Stqarrija għall-istampa.* |
| 5.8 | F'dan il-ħin il-Kunsillier P. Radmilli ippreżenta numru ta' proposti relatati mas-suġġett inkluż dwar il-ġbir ta' skart. | |
| 5.9 | Kien hemm diskussjoni dwar il-proposta biex jinbidel il-ħin tal-ġbir ta' skart għal bejn it-8pm u l-10pm. Kien suġġerit mill-Viċi Sindku, li, minħabba li t-terminu tal-Kunsill huwa ta' inqas minn sena, il-Kunsill m'għandux joħloq tibdiliet radikali għaliex din tista tirrifletti ħażin fuq il-Kunsill filwaqt li tiżvija lill-Kunsill minn fuq dak li kommess li jiffoka f'dan il-perijodu qasir. Sadanittant però kien hemm qbil li xorta għandu jsir indaġni dwar x'qiegħed jiġri f'lokalitajiet oħra. | *Proposta għal tibdil fil-ħinijiet tal-ġbir ta' skart.* |
| 5.10 | Kien hemm diskussjoni dwar jekk il-borża s-sewda terġa tiġi inkluża kull nhar ta' Ġimgħa u li għandu jkun hemm aktar infurzar dwar l-iskart. Il-Kunsill qabel li għandu jintensifika l-kampanja biex ir-residenti jikkollaboraw kemm jista' jkun. | *Proposta għal żieda ta' ġurnata oħra fil-ġbir ta' skart imħallat.* |
| 5.11 | Kien hemm qbil li jsir tentattiv biex tiġi introdotta s-sistema għall-ġbir ta' ħġieġ bieb bieb bħala parti mill-kampanja għal aktar separazzjoni tal-iskart. | *Separazzjoni tal-ħġieġ.* |
| 5.12 | Il-Viċi Sindku staqsa jekk nistgħux nesperimentaw bil-ħin meta niġu biex nintroduċu s-separazzjoni tal-ħġieġ. Il-Kunsillier Radmilli qal li ma jaħsibx li din il-prova tista tkun waħda tajba, għaliex normalment in-nies li jisseperaw l-iskart ikunu l-iktar nies li għandhom l-ambjent għal qalbhom. Żied jgħid li waħda mir-raġuni għall-proposta biex jinbidel il-ħin hija għal dawk in-nies li joħorġu l-borża minn filgħaxija. | |
| 5.13 | Dwar il-ġbir ta' skart għall-istabillimenti kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jistaqsi l-aħjar ħin tagħhom, il-Viċi Sindku se jgħin dwar dan. Intqal ukoll li ħafna minnhom qegħdin joħorġu ħafna skart meta dawn supost għandhom il-kolletturi tagħhom. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill m'għandux jerfa' wkoll responsabilitajiet ta' ħaddieħor. | *Ġbir ta' skart tal-istabbilimenti.* |
| 5.14 | Il-Kunsill qabel li għandu juża l-kampanja Lets *Get Smart...Tas-Sliema Bla Skart* biex jieħdu idea ta' liema ħin ir-residenti jippreferu li jinġabar l-iskart, li meta jkun qiegħed isir it-tindif f'kull triq, il-membri tal-Kunsill | *Ħin tal-ġbir ta' skart.* |

għandhom jistaqsu lill-istess residenti. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li importanti li l-mistoqsija tkun bħal 'x'inhu l-aħjar ħin?' u mhux li tkun '*leading question*' bħal jekk nistaqsu iriduħx fil-għaxija jew le.

5.15 F'dan il-ħin il-Kunsillier Portelli talab li jkun skużat għall-kumplament tal-laqgħa. It-talba intlaqet filwaqt li l-ħin kien id-20:50.

5.16 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li m'hemmx soluzzjoni għal kollox għalhekk għandna nipprovaw ftit minn kollox.

5.17 Is-Sindku staqsa jekk tippermettilnix il-liġi li nimpjegaw *enforcement officer*, għaliex ġie nnotat li qegħda issir diffiċli għal Kunsill li jibgħat gwardjan lokali fuq il-post għaliex l-uffiċjal awtorizzat jgħidilna li jkun aħjar li nħalluh fuq ir-rotta u mhux dejjem ikun possibbli li jmur fuq il-post fil-ħin li jkollu bżonn il-Kunsill. L-a/SE informa li l-Kunsill jista' jikkuntratta lil xi ħadd biex isegwi iżda dan ma jkollu l-ebda poteri biex jinforza. Sadanitant il-Kunsill se jinforma b'dan b'mod formali lill-Kumitat Reġjonali biex il-gwardjani jkunu aktar aċċessibbli għal dan it-tip ta' infurzar. *Enforcement Officer.*

5.18 Ġie ssuġġeriet li l-Kunsill għandu jkollu bħal 'street leaders' li jkunu awtorizzati mill-Kunsill stess biex jippruvaw iwaqqfu lil min ma jkunx qiegħed jobdi r-regolamenti tal-ħinijiet u l-ġranet tal-ġbir tal-iskart. Is-Sindku qal ukoll li matul din l-istess kampanja *Let's Get Smart* għandu jistaqsi min irid jgħin lill-Kunsill fejn eventwalment dawn ikollhom karta ta' identità speċjali maħruġa mill-Kunsill. Is-Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, M. Briguglio u P. Radmilli se jgħinu għal dan. *'Street leaders'.*

## 6. ORGANIZZAZZJONI TA' KORSIJIET U TAĦDIDIET TA' INTERESS

6.1 Il-Kunsilliera V. Galea Pace infurmat li hemm persuna interessata li toffri korsijiet ta' *beading* għar-residenti għall-prezz ta' €560 kull għaxar ġimgħat. Meta kien diskuss jekk ir-residenti għandhomx iħallsu għal dan il-kors il-Kunsill qabel li għandu jkun hemm ħlas nominali ta' €5 kull persuna biex ikopru parti mill-ispejjeż. *Korsijiet tal-beading.*

6.2 Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li ġiet avviċinata minn studenta biex hi tkun tista tagħti lezzjonijiet ta' Arti bħal kant żfin eċċ b'mod volontarju fil-bini tal-Kunsill. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li l-aħjar li l-Kunsill ikollu *policy* biex ma jinħolqux preċedenti.

6.3 Il-Kunsilliera Galea Pace infurmat li kellha diversi suġġerimenti għal korsijiet oħra li jinkludu korsijiet tal-kompjuter u anki taħdidiet dwar *bereavement* u mard tal-kanċer minn Caritas.

6.4 Il-Kunsill qabel li fir-rigward ta' taħdidiet edukattivi l-Kunsillier Galea Pace kellha tipproċedi iżda possibilment isiru fl-iskola minħabba limitazzjoni ta' spazju fil-Kunsill. Madanakollu, fejn jidħlu spejjeż wieħed kellu jirreferi lura lill-Kunsill. *Postijiet fejn isiru l-korsijiet u t-taħdidiet.*

6.5 Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jagħmel *policy* ukoll dwar it-talbiet ta' l-attivitajiet tal-Kunsill. *Policy dwar permessi għal attivitajiet mingħand terzi.*

7. **ĦLAS TA' KONTIJIET**

| | | |
|---|---|---|
| 7.1 | L-a/SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li tiġi approvata l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu. Kopja tagħha hija annessa f'A. | *Lista ta' kontijiet approvata.* |
| 7.2 | Ġie nnotat kont mill-Med Developers ta' madwar sentejn ilu għal ċertifikazzjoni ta' xogħol li kien sar fi Triq il-Kulleġġ l-Antik. Il-Kunsill ta' qabel ma kienx ħallsu għaliex qalu ma kienux jafu min ordna x-xogħol. F'din is-seduta ġew ippreżentati emails li kienu intbagħtu mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv kif ukoll mis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti fejn qegħdin jistaqsu dwar dan ix-xogħol fejn kienu ġew ikkopjati l-Kunsilliera kollha. Kien hemm qbil li ssir riċerka aktar bir-reqqa fil-minuti ta' dak iż-żmien għal aktar kjarifikazzjoni. | *Kont ta' Med Developers.* |
| 7.3 | Ġew ippreżentati żewġ kontijiet minn Mica Med ta' instalallazzjoni ta' Bellisha Lights li kien għamlu madwar erba snin ilu. Il-Kunsill qabel li m'għandux jirrispondihom għaliex dawn huma preskritti. | *Kont ta' Mica Med antik.* |

8. **PROĊESS GĦALL-ĦATRA TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV ĠDID**

| | | |
|---|---|---|
| 8.1 | Is-Sindku fakkar li l-Kunsill għadu jopera b'aġent Segretarju Eżekuttiv għaldaqsant ikun meħtieġ li jibdew il-proċeduri għal sejħa ta' Segretarju Eżekuttiv. | |
| 8.2 | Il-Kunsill qabel li għandu jibda l-proċess biex jibda jilqa' l-applikazzjonijiet għall-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv | *Ħruġ tal-applikazzjonijiet.* |

9. **TMIEM IL-LAQGĦA**

| | | |
|---|---|---|
| 9.1 | Is-Sindku appella fl-importanza li fil-laqgħat kull membru jkun aktar konċiż. | |
| 9.2 | F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li għandu jaġġorna l-laqgħa. Il-ħin kien l-22:00. | *Aġġornament.* |
| 9.3 | Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012 fis-18:00. | *Laqgħa li jmiss* |

Minuti approvati llum 24 ta' Mejju 2012.

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Paul Gatt**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**